# DOQQU QNIEPEN DOQQU

Kitba ta' Dun Anton Mallia Borg

## Dedikat lis-Sagristan Carm Bonnici u lill-Kampanilisti kollha

Laudate Dominum omnes gentes (=faħħru 'l Mulej intom ġnus kollha) huma l-kliem b'altoriliev fuq il-qanpiena l-kbira ta' Birkirkara, imdewba fil-bronż mid-Ditta Prospero Barigozzi ta' Milan fil-bidu tat-tletinijiet. Is-settijiet ta' qniepen b'ħoss melodjuż, huma strument utli li jinsab fil-kampari artistiċi tat-tempji tagħna. Fejn ma hemmx, minflokhom isibu mezz ieħor elettroniku (chimes) biex jipproduċu u jagħtu l-istess messaġġ li jagħtu l-qniepen.



### Qniepen sinjal

Kull sinjal irid iwassal messaġġ lil xi ħadd. Xejn anqas il-qniepen, huma maħsuba li jwasslu aħbar ta' xi ġrajja fil-kommunita', kemm waħda ta' ferħ kif ukoll ta' niket. Sinjal ta' komunikazzjoni, ukoll fost il-bnedmin primittivi li kienu jivventaw, skond il-ħtieġa, kapaċita' u għaqal, mezzi biex iwasslu dak li jridu jgħarrfu bih lil ħaddieħor. F'din il-kitba hemm il-ħsieb li tingħata ħarsa lejn l-użu tal-qniepen fil-komunita' ċkejkna tagħna ta' Birkirkara, f'post limitat ġo gżira relattivament żgħira. Veru li d-daqq tagħhom hu aktarx marbut ma' ġrajja konnesi mar-Reliġjon; hawn jissemmew it-tokki tal-qniepen biex ifakkar li l-jum li ġej ikun jum ta' sawm u astinenza, per eżempju Ras ir-Randan. Infakkru wkoll l-użu li kien isir mis-sinjali tal-qniepen fi żmien it-tieni gwerra dinjija wara l-attakki mill-ajru. Ma nistax ngħid jekk dan il-ħsieb għaddiex minn moħħ id-Ditta Triganza, inkella minn moħħ Ġulju Cauchi li tant għadda ħin fil-funderija tiegħu. L-arloġġ antik tal-faċċata restawrat dan l-aħħar b'sengħa kbira minn Mr. Stephen Zammit, għandu abbinat miegħu id-daqq tal-kwarti u tas-sigħat, permezz ta' mrietel li jħabbtu, fuq il-qniepen tal-kampnar. Bosta parruċċani jaġġornaw mad-daqq ta' dan l-arloġġ, kif irriżulta mit-tgergir tan-nies meta l-arloġġ kien fil-fażi tar-restawr li ħa madwar sitt xhur. Id-daqq tal-qniepen iġib ċerta nostalġija fil-qlub ta' bosta minn niesna emigrati fi bliet enormi fejn ma jisimgħux dawk it-tokki solenni ferriħija jew lugubri li l-qniepen tagħna bħal ma s-soltu jisktu fi żmien it-Triduo Santo tal-Ġimgħa Mqaddsa, meta jidħol l-użu taċ-ċuqlajta li dwarha hemm studju nteressanti bl-ingliż minn Mrs. Anna Borg Cardona.

### L-użu tal-Qniepen

Id-daqq tal-qanpiena jħabbar l-Angelus fil-Pater Noster fit-8.00 ta' fil-għodu, f'nofs inhar u fil-għaxija, barra li simbolikament iqassmu s-sigħat tal-jum f'erbgħa, jistednuna nqimu l-misteru ta' l-Inkarnazzjoni, meta ngħidu t-talba preskritta. Hu veru li l-arloġġi fl-imgħoddi ma kenux komuni bħal fi żmienna, iżda jibqa' veru li d-drawwa li kwarta qabel ma jingħata bidu għal xi quddiesa fil-knisja jew kappella, ukoll jew 'il bogħod mill-knisja parrokkjali, isir dan is-sinjal biex iservi wkoll ta' stedina biex dak li jkun imur jassisti għall-quddiesa. Is-sinjal tal-qampiena li tħabbar ir-reċta tar-Ružarju u l-barka kienet antikament itssejjaħ il-*mota ta' l-għaġin*. Il-mara tad-dar kienet tkun pronta tixħet l-għaġin fil-borma billi jkun qrib il-ħin li żewġha jasal lura d-dar aktarx bil-mixi kif kien fl-antik, mix-xogħol u jintasab quddiem il-mejda u jiekol l-ikel sħun li ħejjietlu martu. Drawwa

sabieħa oħra hi l-mota ċkejkna waqt li fil-knisja tingħata l-Barka Sagramentali meta uħud devoti jitolbu 'l Mulej biex ibierek ukoll lilhom, lill-familji tagħhom il-benefatturi u lil qrabathom. Fis-Solennitajiet ta' matul is-sena dan isir aktar solenni bid-daqq tal-qanpiena l-Kbira u xi kultant fil-festa titulari tal-post timsa' wkoll it-tifqigħa ta' xi murtali maħduma mid-dilettanti tal-post. Il-qniepen issieħbu wkoll is-solennitajiet tal-purċissjonijiet li jsiru matul is-sena, barra meta jindaqqu b'solennita' waqt il-Konsagrazzjoni tal-Quddiesa Solenni. Fil-proċessjonijiet penitenzjali il-qniepen jieqfu jdoqqu wara ħruġ il-purċissjoni u jissuktaw fi dħulha. F'dan l-intervall ikun hemm kant, talb u kummentarju fuq il-PA system għall-parteċipanti.

### Moderazzjoni fid-daqq tal-qniepen

L-istil tal-ħajja ta' llum tbiddel ferm, kemm minħabba d-dħul ta' xogħol bix-shift, kif ukoll billi bosta jdumu ma jorqdu u l-qawmien ikun aktar tard minn ta' qabilna. Għalhekk kellna ordni mill-Kurja biex, eċċettwati l-festi tal-Milied u tat-titular tal-Parroċċa, ma jkunx hemm daqq ta' qniepen fil-ħin aktarx dedikat għall-mistrieħ.

F'Birkirkara bħal f'diversi paroċċi oħra, hemm l-użu li s-sagristan idoqq it-tokki li jindikaw siegħa lejl. Insejħulha ta' l-Imwiet fejn hemm id-drawwa li l-insara jiftakru b'talb ta' suffraġju f'dawk li ħallewna. Qaluli li kien hemm drawwa li dan id-daqq kien jissejjaħ ukoll ta' l-*istaneg*. Hi drawwa sabiħa li l-qniepen iħabbru l-mewt ta' xi ħadd mill-parruċċani, stedina biex is-semmiegħa jiftakru f'dik ir-ruħ li ħallietna. Xi drabi jsiru sinjali ta' tokki biex juru li dik il-persuna, fil-mument ma tkunx residenti fil-limiti tal-parroċċa, meta ma tkunx ukoll barra, minn Malta, iżda l-qraba jkunu jridu li titfakkar fil-parroċċa ta' l-oriġini. Meta l-mejjet ikun membru tal-Kapitlu, is-sinjal tat-transitu jsir bil-qanpiena l-kbira ta' Barigozzi u l-Agunija tiegħu titħabbar bit-tokki solenni tal-qanpiena l-antika, waħda mill-isbaħ tonalitajiet li tisma' fost il-qniepen maltin. L-istess isir meta jkun hemm funeral tal-parruċċani, dejjem stedina għat-talb b'suffraġju. L-istess isir fix-xahar ta' Novembru, meta f'jiem differenti ssir quddiesa b'suffraġju għal ruħ il-konfratelli u konsorelli miktubin fis-sitt konfraterniti li għandna fil-Parroċċa u xejn anqas dawk tas-Sodalita' ta' l-Agunija. Fl-imgħoddi meta l-mewt ta' trabi kien ikun spis, kont tisma l-hekk imsejjaħ daqq tal-glorja.

### Il-Vjatku u l-Agunija

Fl-imgħoddi t-Tqarbin tal-Morda ma kienx ikun hekk ta' spiss kif hu llum, l-għajnuna wkoll tal-Ministri Straordinarji ta' l-Ewkaristija. Meta persuna tkun qirb it-tluq tagħha mid-dinja, kien isir il-Vjatku u aktarx jingħataw ukoll is-sagrament tad-Dilka tal-Morda u l-Barka Papali. Is-Sagristan, b'tokki speċjali, kien javża li ser ikun hemm Vjatku. It-tfal u l-kbar kienu jakkumpanjaw lil Ġesu' li l-qassis kien iżomm f'idejh mgħotti b'verumeral fuq l-istola u spellizza taħt umbrella bajda miżmuma aktarx minn fratell liebes il-konfratija u muzzetta ħamra. Kienu jintużaw il-fanali tal-landa u ħġieġ u xemgħa tixgħel fihom. L-abbatini u tfal oħra liebsa libsaħamra twila sa riġlejhom kienu jakkompanjaw b'talb u innijiet lis-Santissmu sad-dar tal-moribond fejn sakemm jiġu lilu amministrati s-Sagramenti tal-Qrar, Tqarbin u Griżma jsir talb għall-bżonnijiet tiegħu. Lura lejn il-Parroċċa kien isir talb ieħor u l-funzjoni kienet tintemm bil-Barka sagramentali. Jekk il-moribond kien ikun qassis, kienu jieħdu sehem il-membri tal-Kapitlu liebsa l-abiti korali.

Dari kien isir talb speċjali meta persuna tkun agunija. Quddiem Ġesu' espost, kien ikun hemm qassis jew kjeriku (fost dawn jissemma l-kjeriku Carmelo Bonavia, in-Najju) u jitlob talb speċjali kif kien hemm preskritt fil-ktejjeb imsejjaħ **ritwal**. Dan il-bniedem kien idum siegħat jitlob skond kif kien ikun ordnat daqqa mis-Sodalita' jew mill-familjari tal-moribond. Kien hemm drawwa li joffrulu kumpliment tassew ċkejken għall-inkonvenjent, speċjalment meta kien ikun fl-eqqel tal-lejl, meta s-saċerdot li jassisti kien jibqa' mal-moribond sakemm toħroġ ruħu.

### Daqq mhux tas-soltu

Pekuljari għall-Parroċċa tagħna hemm id-drawwa li għal kwarta sħiħa s-sagristan idoqq qabel ir-reċta tal-Liturġija tas-Siegħat kuljum filgħodu u wara nofs inhar Ħdud u Festi. Fis-Solennitajiet dan jinbidel f'erba' moti qosra. Nhar il-Festa titulari hemm drawwa li l-mota tieqaf malli l-Prepostu jew il-Kap tal-Kapitlu jidħol biex jiċċelebra l-Għasar flimkien mal-Kapitlu. Biex ma nkun ħallejna xejn barra, qabel il-Konċilju, kien hemm drawwa li l-Vespri jew it-Talba ta' filgħaxija tingħad qabel nofs inhar. Fxi l-1.30 a.m. is-sagristan kien idoqq tul kwarta sakemm jiġu l-kanonċi għall-Vespri.

Kull nhar ta' Ħamis qrib ta' l-Imwiet issir mota solenni ad unur ta' l-Ewkaristija u nhar ta' Ġimgħa fit-3.00p.m. iddoqq il-Libra biex tfakkar il-mewt ta' Ġesu' is-Salvatur tad-dinja.

Fi tfuliti kien hemm drawwa li waqt li jdoqqu t-tokki ta' swied il-qalb il-Ġimgħa tingħad kurunella tassew sabiħa u espressiva; inkella kien jingħad il-Kredu ta' l-Appostli.

Fil-Kolleġġjata Elenjana hemm id-drawwa li kull meta jkun hemm seduta ġenerali tal-Kapitlu li fiha jiġu diskussi materji ta' importanza fit-tmexxija tal-Kolleġġjata, is-Sagristan sa minn kwarta qabel jagħmel tokki bil-qanpiena l-Kbira bħala sinjal għal-laqgħa li l-aġenda tagħha il-Kapitulari jkunu nformati biha għall-anqas tlett ijiem qabel.

Dan kien ġie sospiż fi żmien il-gwerra, ordni minn fuq.

## Għeluq

Drawwiet qodma qegħdin jispiċċaw f'isem il-progress, iżda warajhom hemm bosta tradizzjonijiet l-għeżież u juru l-istil ta' ħajja ta' poplu li minkejja l-progress u l-aljenazzjoni dejjem jibqa' dik il-ħajta li b'xi mod mhux dejje evidenti tressqu lejn Alla.

Iżda l-bniedem ma jridx jagħmel bħal qniepen li filwaqt li jsejħu lin-nies, huma jibqgħu barra għall-ħniena ta' l-elementi, li kultant kienu jissejħu ħalli jimmansawhom bħal ma jingħad li kien isir waqt xi tempesti.

Il-bniedem mistieden biex imħeġġeġ bl-imħabba, jidħol ġewwa u jqim lil dak li ħalqu fl-ispirtu u fil-verita'.